# UGWALJANZA BEJN L-IRĠIEL U N-NISA

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija waħda mill-objettivi tal-Unjoni Ewropea. Maż-żmien, il-leġiżlazzjoni, il-każistika u t-tibdiliet li saru lit-Trattati għenu biex dan il-prinċipju u l-implimentazzjoni tiegħu fl-UE jissaħħu. Il-Parlament Ewropew dejjem kien difensur ferventi tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Il-prinċipju li l-irġiel u n-nisa għandhom jirċievu paga ugwali għal xogħol ugwali ilu mnaqqax fit-Trattati Ewropej sa mill-1957 (illum: l-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)). L-Artikolu 153 tat-TFUE jippermetti lill-UE taġixxi fil-qasam usa' tal-opportunitajiet indaqs u tat-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjiegi, u fi ħdan dan il-qafas l-Artikolu 157 tat-TFUE jawtorizza azzjoni pożittiva biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa. Barra minn hekk, l-Artikolu 19 tat-TFUE jipprevedi li tiġi adottata leġiżlazzjoni biex tiġġieled kull tip ta' diskriminazzjoni, inkluża dik fuq bażi ta' sess. Il-leġiżlazzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal, ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikoli 79 u 83 tat-TFUE, u l-programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza jiffinanzja, fost affarijiet oħra, il-miżuri li jikkontribwixxu għall-eradikazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa abbażi tal-Artikolu 168 tat-TFUE.

## L-OBJETTIVI

L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq ġabra ta' valuri, li jinkludu l-ugwaljanza, u għaldaqstant tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)). Dawn l-objettivi huma mnaqqxa wkoll fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tat-TFUE jagħti lill-Unjoni l-kompitu li teqred l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha (dan il-kunċett huwa magħruf ukoll bħala l-"integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi"). Fid-Dikjarazzjoni Nru 19 mehmuża mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adotta t-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex jiġġieldu "kontra kull xorta ta' vjolenza domestika [...], sabiex jipprevjenu u jikkastigaw dawn l-atti kriminali kif ukoll sabiex jappoġġaw u jipproteġu lill-vittmi".

## IL-KISBIET

**A.** Leġiżlazzjoni ewlenija

Il-leġiżlazzjoni tal-UE, adottata fil-parti l-kbira bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tinkludi:

— id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali;

— id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu;

— id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi;

— fl-2006, għadd ta' atti leġiżlattivi preċedenti ġew revokati, u sostitwiti bid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006[1] dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (riformulazzjoni). Din id-Direttiva tiddefinixxi d-diskriminazzjoni diretta, id-diskriminazzjoni indiretta, il-fastidju u l-fastidju sesswali. Tħeġġeġ ukoll lil min iħaddem biex jieħu miżuri preventivi sabiex jiġi miġġieled il-fastidju sesswali, jiġu msaħħa s-sanzjonijiet minħabba d-diskriminazzjoni u tiġi prevista l-introduzzjoni, fl-Istati Membri, ta' korpi responsabbli mill-promozzjoni tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Attwalment, il-Parlament qiegħed jipprova jirrevedi d-dispożizzjonijiet dwar il-paga ugwali f'din id-Direttiva[2], u adotta rapport ta' implimentazzjoni abbażi ta' diversi studji kkummissjonati mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS);

— id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn Business Europe, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Artiġjanat u tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (UEAPME), iċ-Ċentru Ewropew għal Min Iħaddem u għall-Intrapriżi li jipprovdu Servizzi Pubbliċi (CEEP) u l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU), u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE;

— id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE;

— id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-

[1]Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva tħassar ukoll id-Direttiva 76/207/KEE, li kienet ġiet emendata bid-Direttiva 2002/73/KE.
[2]Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali (ĠU C 264E, 13.9.2013, p. 75).

vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI. Din id-direttiva tipprevedi l-approssimazzjoni ta' sanzjonijiet għat-traffikar tal-bnedmin fl-Istati Membri u l-miżuri ta' appoġġ għall-vittmi, u tistieden lill-Istati Membri "jikkunsidraw jieħdu l-miżuri biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma oġġett ta' sfruttament [...] bl-għarfien li l-persuna hija vittma [tat-traffikar]" sabiex jiskoraġġixxu t-talba. Tistabbilixxi wkoll l-uffiċċji tal-koordinatur Ewropew kontra t-traffikar tal-bnedmin;

- id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni bl-għan li persuna tkun protetta "kontra att kriminali minn persuna oħra li jista' jipperikola l-ħajja tiegħu/tagħha, l-integrità fiżika jew psikoloġika, id-dinjità, il-libertà personali jew l-integrità sesswali" u li jippermetti lill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tkompli l-protezzjoni tal-persuna fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Din id-direttiva hija kkomplementata bir-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili, li jiżgura li l-miżuri ta' protezzjoni ċivili huma rikonoxxuti fl-UE kollha;
- id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI.

**B.** Progress permezz tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE)

Il-QtĠ-UE żvolġiet rwol importanti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. L-iżjed sentenzi magħrufa huma:

- is-sentenza Defrenne II tat-8 ta' April 1976 (Kawża 43/75): il-Qorti rrikonoxxiet l-effett dirett tal-prinċipju tal-paga ugwali għall-irġiel u n-nisa u ddeċidiet li l-prinċipju ma japplikax biss għall-azzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi iżda huwa wkoll estiż għall-ftehimiet kollha li huma maħsuba biex kollettivament jirregolaw ix-xogħol imħallas;
- is-sentenza Bilka tat-13 ta' Mejju 1986 (Kawża C-170/84): il-Qorti ddeċidiet li miżura li teskludi lill-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi part-time mill-iskema ta' pensjoni okkupazzjonali tikkostitwixxi "diskriminazzjoni indiretta", u li għalhekk din tmur kontra l-Artikolu 119 tat-Trattat KEE preċedenti jekk taffettwa ħafna iktar lin-nisa milli lill-irġiel, sakemm ma jistax jintwera li l-esklużjoni kienet ibbażata fuq fatturi ġġustifikati b'mod oġġettiv li mhumiex relatati ma' xi tip ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess;
- is-sentenza Barber tas-17 ta' Mejju 1990 (Kawża C-262/88): il-Qorti ddeċidiet li l-forom kollha ta' pensjoni okkupazzjonali stabbilixxew ħlas għall-iskopijiet tal-ex Artikolu 119 u li l-prinċipju ta' trattament ugwali għalhekk japplika għalihom. Il-Qorti ddeċidiet li l-irġiel għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal pensjoni jew id-drittijiet għall-pensjoni tas-superstiti fl-istess età bħall-kollegi nisa tagħhom;
- is-sentenza Marschall tal-11 ta' Novembru 1997 (Kawża C-409/95): il-Qorti ddikjarat li norma nazzjonali li tirrikjedi li tingħata prijorità lill-promozzjoni ta'

kandidati nisa f'każijiet fejn hemm inqas nisa minn irġiel f'settur ("diskriminazzjoni pożittiva") mhijiex prekluża mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, bil-kundizzjoni li dak il-vantaġġ ma jkunx awtomatiku u jiġi garantit li l-applikanti rġiel jiġu kkunsidrati u ma jkunux esklużi *a priori* milli japplikaw;

— is-sentenza Test Achats tal-1 ta' Marzu 2011 (Kawża C-236/09): il-Qorti ddikjarat li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE huwa invalidu abbażi tal-fatt li jmur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għall-merkanzija u s-servizzi u fil-provvista tagħhom. Għalhekk, trid tiġi applikata l-istess sistema ta' kalkolu attwarju għall-irġiel u n-nisa fid-determinazzjoni tal-primjums u l-benefiċċji għall-finijiet ta' assikurazzjoni.

— is-sentenza Korwin-Mikke tal-31 ta' Mejju 2018 (Każijiet T-770/16 u T-352/17): il-Qorti ddeċidiet li jiġu annullati l-penali imposti mill-Parlament fuq il-Membru tal-PE Pollakk tal-lemin estrem Janusz Korwin-Mikke wara sensiela ta' kummenti kontroversjali li għamel fis-sessjoni plenarja tal-Parlament. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti ddikjarat li, filwaqt li l-libertà tal-espressjoni tikkostitwixxi dritt fundamentali li kellu jiġi protett, skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, l-istituzzjoni tista' tippenalizza biss lill-Membri tal-PE jekk il-kummenti tagħhom "idgħajfu/dgħajfu l-proċedimenti tagħha jew jippreżentaw/ippreżentaw theddida serja għas-soċjetà, bħall-inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda razzjali". Ir-Regoli ta' Proċedura għaldaqstant ġew emendati skont dan. Il-Kodiċi ta' Mġiba Xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Qadi ta' Dmirijiethom, ġew adottati mill-Bureau fit-2 ta' Lulju 2018 bħala anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura ġodda.

## C. L-aħħar żviluppi

Hawn taħt hawn deskrizzjoni qasira tal-azzjoni l-aktar reċenti li ħadet l-UE fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

**1.** Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP 2014-2020) jindirizza l-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel permezz tal-programmi dwar il-Ġustizzja u ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza.

Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm dwar il-Ġustizzja għall-2020 hija stabbilita għal EUR 45 603 000, u għandha tiġi ffinanzjata mill-approprjazzjonijiet mdaħħla fil-linji li ġejjin tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2020:

(a) linja baġitarja 33 03 02: EUR 8 861 000

(b) linja baġitarja 33 03 01: EUR 33 743 000

(c) linja baġitarja 18 06 01: EUR 2 999 000

Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-2020 hija stabbilita għal EUR 66 713 000, u għandha tiġi ffinanzjata mill-approprjazzjonijiet mdaħħla fil-linji li ġejjin tal-baġit ġenerali tal-Unjoni:

(a) linja baġitarja 33 02 01: EUR 27 960 000

(b) linja baġitarja 33 02 02: EUR 38 753 000

Studju ppubblikat fil-ħarifa tal-2016 fuq talba tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) tal-Parlament joffri ħarsa ġenerali fuq il-baġit tal-UE li ntefaq għall-ugwaljanza bejn is-sessi fi Stati Membri magħżula[3].

**2.** L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

F'Diċembru 2006, il-Parlament u l-Kunsill waqqfu Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, b'sede f'Vilnius, fil-Litwanja, bl-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u li jagħtiha spinta, inkluża l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tal-UE u dawk nazzjonali. Dan jikkumbatti wkoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, u jqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi joffri assistenza teknika lill-istituzzjonijiet tal-UE billi jiġbor, janalizza u jaqsam data u għodod metodoloġiċi (ara ċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni tal-EIGE online: http://eige.europa.eu/content/rdc).

**3.** L-EIGE bil-presidenza tan-netwerk tal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE (ĠAI)

Fl-2018, l-EIGE kellu l-Presidenza tan-netwerk tal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE (ĠAI). In-netwerk ġie stabbilit fl-2006 u huwa magħmul minn disa' aġenziji tal-UE li jaħdmu fuq firxa ta' kwistjonijiet ta' ġustizzja u sigurtà, bħall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Matul l-2018, in-netwerk eżamina l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fl-oqsma ta' attività rispettivi tal-aġenziji, b'enfasi speċifika fuq il-modi differenti li bihom it-teknoloġija qed taffettwa lin-nisa u lill-irġiel żgħażagħ. Din ir-riċerka turi kif l-aġenziji jistgħu jgħinu jimmitigaw ir-riskji, jiżguraw is-sigurtà, u jrawmu l-ugwaljanza fl-Ewropa. Ir-rapport finali u s-sejbiet tan-netwerk 2018 ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'Marzu 2019, u huma disponibbli online (https://eige.europa.eu/publications/eu-justice-and-home-affairs-agencies-cooperation-2018-final-report).

**4.** Il-Karta tan-Nisa u l-Impenn strateġiku għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2016-2019

Fil-5 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni adottat il-Karta tan-Nisa bil-ħsieb li ttejjeb il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Ewropa u madwar id-dinja[4].

F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat l-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019[5] bħala segwitu u estensjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (2010-2015)[6].

L-Impenn Strateġiku jiffoka fuq il-ħames oqsma ta' prijorità mniżżlin hawn taħt:

— iż-żieda fis-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol u indipendenza ekonomika ugwali;

[3]http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/571393/IPOL_STU(2016)571393_EN.pdf
[4]http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=URISERV:em0033
[5]Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi" 2016-2019 (SWD(2015)0278).
[6]Ir-riflessjonijiet dwar l-istrateġija li jmiss bdew f'Settembru 2014 b'workshop intitolat "Strateġija Ġdida għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi wara l-2015", li nieda t-tħejjija ta' rapport fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat tan-Nisa, li wassal għall-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 (ĠU C 407, 4.11.2016, p. 2). Il-kontribuzzjonijiet tal-workshop huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Parlament.

— it-tnaqqis tad-differenzi bejn is-sessi fil-pagi u l-pensjonijiet, u għaldaqstant il-ġlieda kontra l-faqar fost in-nisa;

— il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet;

— il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess, u l-ħarsien u l-appoġġ tal-vittmi;

— il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja.

**5.** Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020

Fis-26 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta l-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020[7]", abbażi tad-Dokument Konġunt ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020"[8]. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jisħaq fuq "il-ħtieġa għar-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, inkluża t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha u l-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet".

**6.** Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

Fil-25 ta' Settembru 2015, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżoluzzjoni dwar l-Aġenda għall-Iżvilupp għal wara l-2015 intitolata "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli"[9]. L-Aġenda 2030, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, tinkludi 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) u 169 mira. L-SDGs huma mibnija fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs). Madankollu, għall-kuntrarju tal-MDGs, li kienu maħsuba għal azzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biss, l-SDGs japplikaw għall-pajjiżi kollha. L-SDG 5, "Tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomija għan-nisa u l-bniet kollha", tinkludi ħames miri.

**7.** L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul)

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li daħlet fis-seħħ fl-2014, hija l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet f'livell internazzjonali. Hija tistabbilixxi qafas komprensiv ta' miżuri legali u politiċi għall-prevenzjoni ta' tali vjolenza, filwaqt li tappoġġja lill-vittmi u tikkastiga lil dawk li jwettqu r-reat. Minn Novembru 2017, ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE, u ġiet irratifikata minn 21 minnhom sa Marzu 2020 (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja). Il-Konvenzjoni tipprevedi wkoll l-adeżjoni tal-UE fl-oqsma tal-kompetenzi tagħha.

F'Ottubru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat pjan direzzjonali dwar l-adeżjoni possibbli tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u tat segwitu f'Marzu 2016 b'żewġ proposti għal

[7]Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020, is-26 ta' Ottubru 2015.
[8]21.9.2015, SWD(2015) 0182.
[9]Riżoluzzjoni 70/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015.

deċiżjonijiet tal-Kunsill, waħda dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Unjoni Ewropea, u l-oħra dwar il-konklużjoni tal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni (jiġifieri, ir-ratifika).

Wara li ddiskuta l-kwistjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-abbozz ta' deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni għandu jinqasam f'żewġ deċiżjonijiet separati, waħda li tkopri l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, u l-oħra dwar l-asil u n-non-refoulement. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill ġew adottati f'Mejju 2017, u mbagħad, il-Kummissarju tal-UE għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Věra Jourová, iffirmat il-Konvenzjoni ta' Istanbul f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Ġunju 2017.

L-iffirmar huwa l-ewwel pass fil-proċess biex l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni. L-adeżjoni mal-Konvenzjoni issa tirrikjedi l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill biex jiġi konkluż il-proċess. Fil-Kunsill, il-proposti leġiżlattivi f'dan il-qasam huma diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP, fajl interistituzzjonali 2016/0063 (NLE)). Bħalissa, id-diskussjonijiet tiegħu jiffukaw fuq Kodiċi ta' Kondotta li jiddefinixxi kif l-UE u l-Istati Membri tagħha se jikkooperaw dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

Il-konklużjoni tal-proċess ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tirrikjedi l-kunsens tal-Parlament.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament żvolġa rwol sinifikanti fl-għoti ta' appoġġ lill-politiki dwar l-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tiegħu għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM). Fir-rigward tat-trattament ugwali fis-suq tax-xogħol, il-Parlament jaġixxi fuq bażi tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (kodeċiżjoni). Eżempji jinkludu:

— il-Proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (COM (2012) 0614 final). Ara l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, adottata fi tmiem l-2013[10].

— ir-reviżjoni tad-Direttiva 92/85/KEE (ara hawn fuq). Fl-ewwel qari[11] l-Parlament kien favur perjodu itwal tal-leave tal-maternità totalment imħallas, jiġifieri 20 ġimgħa[12]. Peress li l-Parlament u l-Kunsill ma setgħux jilħqu qbil dwar il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni issa rtiratha u ssostitwietha bi pjan

[10]Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-borża u miżuri relatati (ĠU C 436, 24.11.2016, p. 225).
[11]Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (ĠU C 70E, 8.3.2012, p. 162.)
[12]Għal analiżi komparattiva tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi fl-Istati Membri, jekk jogħġbok ara r-rapport tad-Dipartiment Tematiku C għall-Politiki tad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew, bit-titlu "Maternity, paternity and parental leave: data related to duration and compensation rates in the European Union" ("Il-leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri: data relatata mat-tul taż-żmien u r-rati ta' kumpens fl-Unjoni Ewropea"), ippubblikat fl-2015 u disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Parlament Ewropew.

direzzjonali għall-inizjattiva intitolata "Bidu ġdid li jindirizza l-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-familji tal-ħaddiema"[13].

Barra minn hekk, il-Parlament jikkontribwixxi għall-iżvilupp ġenerali tal-politiki fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz tar-rapporti tiegħu fuq inizjattiva proprja, u billi jiġbed l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra lejn kwistjonijiet speċifiċi, inklużi:

— il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa: Il-Parlament adotta rapport fuq inizjattiva proprja[14], li jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva leġiżlattiva fuq il-bażi tal-Artikolu 84 tat-TFUE għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet (VAWG). Din ir-riżoluzzjoni tinkludi għadd ta' rakkomandazzjonijiet, u l-Kumitat tan-Nisa stabbilixxa grupp ta' ħidma speċjali biex jagħti segwitu lil din ir-riżoluzzjoni;

— il-Jum Internazzjonali tal-Mara 2019 iffoka fuq is-setgħa tan-nisa fil-politika. Is-suġġett magħżul huwa fil-qalba tad-drittijiet tan-nisa għaliex huwa marbut mal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-governanza kollettiva tas-soċjetajiet tagħna. Maż-żmien, il-leġiżlazzjoni, il-każistika u t-tibdiliet li saru lit-Trattati għenu biex dan il-prinċipju u l-implimentazzjoni tiegħu fl-UE jissaħħu. Il-Parlament minn dejjem kien difensur ferventi tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u dan l-avveniment jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, b'mod partikolari fil-livell Ewropew;

— ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għat-62 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW), li titlob it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa rurali u li n-nisa jkollhom aċċess għall-midja u għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u l-impatt tagħhom fuq il-progress tan-nisa u l-użu tagħhom għal dak l-għan[15]. F'Marzu 2018, delegazzjoni mill-Kumitat tan-Nisa ħadet sehem fil-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa tan-NU f'Marzu 2018.

Il-Parlament qiegħed ifittex ukoll l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fix-xogħlijiet tal-kumitati kollha tiegħu[16]. Għal dan l-għan, ġew stabbiliti żewġ netwerks dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, koordinati mill-Kumitat tan-Nisa. In-netwerk tal-Presidenti u tal-Viċi Presidenti għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi jlaqqa' flimkien Membri tal-PE li jappoġġjaw l-inklużjoni ta' dimensjoni tal-ġeneri fil-ħidma tal-kumitati rispettivi tagħhom. Dawn jiġu appoġġjati minn netwerk ta' amministraturi tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'kull segretarjat ta' kumitat. Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippromwovi taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fost il-persunal tal-Parlament u l-gruppi politiċi.

---

[13]http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2015_just_012_new_initiative_replacing_maternity_leave_directive_en.pdf
[14]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-Vjolenza Fuq in-Nisa (ĠU C 285, 29.8.2017, p. 2).
[15]Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Marzu 2018 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għat-62 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (ĠU C 129, 5.4.2019, p. 58).
[16]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2003 dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-Parlament Ewropew (ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 384).

Martina Schonard
11/2020